MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 14/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 11 ta' Frar 2014<br>Laqgħa b' Urġenza |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 6.00 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat l-Erbgħa 5 ta' Frar, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2013.
2. Approvazzjoni tal-Baġit 2014
3. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2013

4. Skema ġdida ta’ l-Online Streaming (Memo 5/2014)
5. Affarijiet oħra jekk urġenti
6. Aġġornament

**Seduta Numru 14/14**

668 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b’talba.

**1 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2013.**

669 Tressqu l-Istimi Finanzjari għas-sena 2013 għall-approvazzjoni tal-Kunsill wara li ġew diskussi, u approvati waqt laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Il-Kunsill approva dawn l-‘Financial Statements’.

**2 Approvazzjoni tal-Baġit 2014**

670 Tressaq il-Baġit għas-sena Finanzjarja 2014 għall-approvazzjoni tal-Kunsill wara li ġie ippreżentat, u approvat, waqt laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Il-Baġit 2014 gie approvat.

671 Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill li japprova li jinħareġ pagament tal-Kuntrattur Road Servicing Ltd fuq proġett ta' PPP. Il-Kunsill approva li l-kuntrattur jingħatalu l-pagament li huwa dovut sa l-aħħar ta' Frar u li jingħatalu wkoll dak li huwa dovut sa l-aħħar ta' Frar 2015 minħabba li l-pagament tal-2013 kien ingħata tard.

672 Saret diskussjoni fuq il-fondi li jingħataw lill-Kunsilli biex iwettqu x-xogħol tagħhom. Il-Viċi Sindku qal li minn meta tnaqqas id-dħul mis-sistema ta' LES il-Kunsilli ma baqalhomx flus biex jagħmlu proġetti għax l-allokazzjoni tkopri biss is-servizzi. Qal li l-fondi tal-UIF jgħin u li l-Kunsill baqalu madwar €50,000 f'dan il-fond li jkun jista japplika biex jagħmel użu minnhom. Il-Vici Sindku qal li r-riforma li qed tiġi proposta tidher li ser tkun magħmula tajjeb. Qal li l-allokazzjoni ma tistax tibqa tkun ibbażata fuq il-formula eżistenti. Qal ukoll li qed titnieda 'white paper' fuq kif il-Kunsilli Lokali ser jibbenifikaw mill-fondi tar-Reġjuni.

673 Il-Kunsill ġie informat li għalkemm kien hemm xi pagamenti b'lura mill-Kunsill preċedenti, issa l-Kunsill qiegħed 'up-to-date' mal-pagamenti li għandu jagħti lill-kuntratturi.

3 **Minuta Silenzju**

674 Saret minuta ta' silenzju b'rispett lil ex-Segretarju Eżekuttiv u ex-Kunsillier li tilfu lil missierhom. Wara din il-minuta silenzju l-Kunsilliera qablu li jintbagħtu Sympathy Cards u li jiġi ordnat bukket fjuri għal funeral ta' Sur Dimech.

4 **Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2014**

675 Ir-Rapport Amministrattiv ingħata lill-Kunsilliera biex jekk ikunu jridu jżidu jew jikkoreġu xi ħaga jkunu jistgħu jkellmu lis-Segretarju.

5 **Skema Ġdida ta' L-Online Streaming (Memo 5/2014)**

676 Tressqet il-Memo imsemmija fuq skema ġdida ta' Online Streaming għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Din ġiet approvata.

6 **Skema tax-Xiri tal-Kotba tal-Librerija (Memo 4/2014)**

677 Tressqet il-Memo imsemmija fuq skema ġdida tal-Librerija fejn il-Kunsill pingħata massimu ta' €600 f'kotba. Il-Kunsill approva li jieħsu sehem f'din l-iskema.

7 **Affarijiet oħra jekk urġenti**

678 Il-Kunsill iddiskuta deċizjoni tal-Kumitat ta' L-Offerti Pubbliċi fejn saret proposta li tinħareġ 'Tender' għal xogħolijiet ta' 'Patching' u Tiswija ta' Bankini b'mod ġenerali fl-Imsida u 'Tender' oħra għal-xogħolijiet tat-toroq meta jkunu deċizi t-toroq li ser isiru. B'hekk it-'Tender' tohrog specifikament għal-dawn it-toroq li jkollhom bżonn it-tiswija.

679 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsilliera li hu kien talab li s-Sur Joe Demarco jagħmel rapport fuq kull triq fl-Imsida u hu imbad għamel lista ta' dawk it-toroq li l-kundizzjoni tagħhom qegħda tant ħażin li hemm bżonn isir ix-xogħol fihom kemm jista jkun malajr. Il-Viċi Sindku qal li l-agħar żoni huma iż-żona ta' Triq tal-Qroqq, Triq St Venera u Triq it-Torri. Is-Sur Selvaggi talab biex il-Kunsill jindaga iżjed fuq il-ħsieb tal-Gvern Ċentrali biex tinfetaħ parti minn Triq Santa Venera biex jekk hemm xi xogħol li għad irid isir il-Kunsill jistenna dan ix-xogħol isir qabel jirranġa t-triq. Is-Sur Selvaggi u s-Sur Matthew Agius semmew EH Furse u H Calleja Schembri. Ġie deċiz il-Periti tal-Kunsill jmorru jaraw l-aktar toroq inkwetanti u jipproponu

liema huma dawk li għandhom bżonn isiru din is-sena. Is-Sur Selvaggi talab li jkun jaf l-ammont li l-Kunsill jista jonfoq fuq tiswija ta' toroq matul is sena 2014 u qal li aħjar isiru żewġ toroq tajjeb milli jsiru tlieta u ma jsirux tajjeb biżżejjed. Il-Viċi Sindku qal li hu qed jaħseb biex fit-'Tender' idaħħal 'repayment term' (simili bhal tal-PPP) u mhux ftehim li meta jitlesta x-xogħol il-Kuntrattur jithallas, minħabba li din is-sistema mhix effettiva. Hu qal li flok il-Kunsill iġemmgħa biex jagħmel triq, issir it-triq imbagħad il-Kuntrattur jitħallas matul is-snin. Il-Kunsill ġie mfakkar li hu responsabbli li jsiru l-uċuh tat-toroq u li meta jkun hemm problemi bil-pedamenti tat-triq irid ihallas il-Gvern Centrali, u l-Kunsill ihallas biss tal-wiċċ. Inġibdet l-attenzjoni li jekk issir Triq tal-Qroqq ikunu ċerti li l-livell tat-triq issir tajba. Is-Sur Selvaggi jixtieq li l-Kunsill jinsisti mal-Gvern li minħabba d-diversions li saru t-toroq residenzjali ta' L-Imsida kellhom wisq aktar traffiku minn normal. Hu qal li kieku ssir 'car count' tgħin biex tivverifika dak li l-Kunsill ikun qed jgħid.

680 Is-Sur Brincat qal li importanti li l-Kunsill jikteb lit-TM fuq il-Kundizzjonijiet tal-Kuntrattur li għamel Rue D'Argens. Hu qal li din it-triq kienet wahda mill-ewwel tal-PPP u li dejjem qed tithaffer.

681 Is-Sindku tkellemt fuq il-Bye Law tas-Sajd fejn qalet li l-liġi hija 'misleading'. Qalet li trid issir deċiżjoni minħabba li meta l-liġi tkun qed tiddiskrivi d-daqs tad-dgħajjes tal-'Full-Time Fishermen' issemmi t-12 il-metru u meta tkun qed tiddeskrivi dgħajjes ohra it-12 il-metru ma jibqax jissemma. Is-Segretarju għandha tiċċekja l-proċedura ta' amenda ta' Bye Law. Gie diskuss pero' li għalkemm id-daqs mhux stipulat ghal dik il-parti xorta hu m'għandux permess biex itellgħa d-dgħajsa hemm u għalhekk ġie deċiż li il-Kunsill ser ikompli bil-proċeduri legali.

682 Il-Kumitat tas-Sajd talbu li l-multi msemmija fil-Bye Law jiżdiedu. Is-Segretarju għandha tiċċekja kemm huma l-limiti tal-multi tal-Bye Laws. Il-Kumitat ser jiltaqa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Fisheries biex jitlobu is-'Service Pillar' u 'Winchroom'. Is-Sur Matthew Agius qal li l-Kumitat talab għal 'bollard' biċ-ċwievet fil-parking. Il-Viċi Sindku qal li din mhix problema pero iċ-ċavetta tinżamm il-Kunsill u jiġi kommunikat biċ-ċar li kopji ma jistgħux isiru. Il-Viċi Sindku talab ukoll li l-'log book' jinżamm il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

683 Ġie deċiz li kif ikun tbattal l-iskall isir 'refreshing' tal-linji kollha li hemm.

684 Is-Sur Brincat qal li tajjeb kieku ssir attivita' organizzata bejn il-Kumitat tas-Sajd u l-Kunsill Lokali. Hu ssuġġerixxa li din tkun bħal Fiera tal-Ħut.

686 Is-Sur Matthew Agius qal li hemm bżonn li jitgħatta numru ta' mobajl li qiegħed miktub fuq tabella fuq l-iskall wara li ġie nformat mill-Kumitat tas-sajd li dan in-numru m'għadux jintuża . Dan jista jsir billi titwaħħal 'sticker'

bajda fuq in-numru 99461068, imbad il-quddiem tinbidel it-tabella. Qal ukoll li l-'floodlight' li jagħti fuq l-iskip mhux qed jixgħel.

687 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19:02.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv